

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.7025 – Oiltanking/Macquarie/Chemoil Storage)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 247/03)

1. Fid-19 ta' Awwissu 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Oiltanking GmbH ("Oiltanking", il-Ġermanja) fl-aħħar ikkontrollata minn Marquard & Bahls AG u Macquarie Financial Holdings Limited ("Macquarie FHL", l-Awstralja) fl-aħħar ikkontrollata minn Macquarie Group Limited jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Chemoil Storage Limited ("Chemoil", il-Gżejjer Marshall) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

— għal Oiltanking: servizzi ta' ħażna ta' prodotti petrolifiċi, żjut veġetali, kimiċi u likwidi u gassijiet oħra fuq bażi dinjija,

— għal Macquarie FHL: kumpanija azzjonarja għal operati mhux bankarji ta' Macquarie,

— għal Chemoil: l-operazzjoni ta' terminal għall-ħażna ta' prodotti kbar ta' żejt likwidu permezz ta' sussidjarja kkontrollata kollha kemm hi, servizzi relatati, bħal taħlit u rmiġ f'Singapor.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7025 – Oiltanking/Macquarie/Chemoil Storage, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
